MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 640/1998/1

**Dr. Philip Saliba sew proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' l-imsiefra ohtu Suor Maria Saliba, Joseph Saliba, Agnes armla ta' Rosario Sammut u b'digriet tal-14 ta' Ottubru, 2002, il-gudizzju ghadda fil-persuna ta' wliedha Janine Vella, Mario Sammut, Doreen Vella u Josanne Galea, ahwa Sammut, bhala werrieta tar-rikorrenti Agnes armla ta' Rosario Sammut, Bernardette mart Martin Dimech, Veronica mart Joseph Mifsud, Mary Anne sive Miriam armla ta' Anthony Saliba, Carmela armla ta' Carmel Saliba f'isimha u bhala mandatarja ta' wliedha Jane mart John Chadwich, Mariella mart Albert Holmes, Cynthia mart John Drury, Magdalene mart Neil Manley,**

**Isabella mart Steve Grainger u Joseph, Pio u Philip ahwa Saliba u b'digriet tas-6 ta' Novembru 2008, il-gudizzju f'isem Joseph Saliba li miet fil-mori tal-kawza gie trasfuz f'isem l-atturi l-ohra kollha**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Generali tar-Repubblika**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1.1 Dan hu appell ad istanza tar-rikorrenti minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet premessi, ghal fini ta' revoka, in kwantu t-talbiet taghhom kif dedotti fir-rikors promotorju taghhom gew respinti bl-ispejjez kontrihom.

1.2 Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, din il-Qorti sejra tirriproduci *<u>in toto</u>* s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad illi fiha gie ritenut u deciz hekk:

"Rat ir-rikors imressaq fit-13 ta' Marzu, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent, bħala sidien ta' sehem ta' nofs mhux maqsum minn għadd ta' binjiet li kienu jinsabu fl-Isla, ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom imħarsin bl-Artikoli 14 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni") u li din il-Qorti tagħtihom kull rimedju xieraq kontra dan il-ksur. Jgħidu li dan seħħ meta, fi Frar tal-1951, il-Gvern ħa l-imsemmi bini f'idejh b'titolu ta' pussess u użu u, xi żmien wara u bla ma kiseb il-kunsens tagħhom, waqqa' dak il-bini u tella' minfloku bini ġdid ieħor u nqeda minn biċċa minn dak il-ġid biex wessa' t-triq ta' quddiemu. Kien biss f'Ġunju tal-1993 li l-Gvern kien iddikjara li l-imsemmi akkwist kellu jkun b'titolu ta' dominju pubbliku;

"Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Marzu, 1998, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-25 ta' Marzu, 1998;

"Rat it-tweġiba mressqa mill-intimati fis-26 ta' Marzu, 1998, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħu għat-talbiet tar-rikorrenti billi qalu, b'mod preliminari, li l-Avukat Ġenerali ma hux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrenti u jmissu jinħeles milli jibqa' iżjed fil-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi tennew li kulma sar kien seħħ bi twettiq ta' dak li jipprovdi l-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta u sar kollu b'għan leġittimu li jikkonsisti f'kontroll ta' użu tal-ġid fl-interess ġenerali u b'hekk għamil imħares bit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Jiċħdu li huma mxew mar-rikorrenti b'mod diskriminatorju;

"Rat id-digriet tas-16 ta' Settembru, 1998[1], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Albert Fenech bħala perit tekniku biex jgħin lill-Qorti u jkun preżenti waqt is-smigħ tal-kawża;

"Rat id-digriet tal-25 ta' Settembru, 1998[2], li bih dik il-ħatra tfissret billi l-perit ingħata direttivi partikolari dwar x'kellu jagħmel biex iwettaqha;

"Rat ir-rapport imressaq mill-perit tekniku fil-5 ta' Jannar, 1999[3], u minnu maħluf waqt is-smigħ tat-8 ta' Jannar, 1999;

"Rat id-digriet tad-9 ta' April, 1999[4], li bih ir-rikorrenti ntalbu jiddikjaraw kif, fil-fehma tagħhom, kellu jkun l-inkarigu tal-perit tekniku jekk kemm-il darba kellu jerġa' jinħatar biex jagħti stima tal-kumpens dovut lilhom;

"Rat in-nota mressqa mir-rikorrenti fis-26 ta' April, 1999[5], bi twettiq tal-imsemmi digriet;

"Rat in-nota mressqa mill-Kummissarju intimat fl-14 ta' Mejju, 1999[6], bi tweġiba għal dik imressqa mir-rikorrenti;

---

[1] Paġ. 14 tal-proċess
[2] Paġġ. 18 – 9 tal-proċess
[3] Paġġ. 37 sa 59 tal-proċess
[4] Paġġ. 62 – 3 tal-proċess
[5] Paġ. 67 tal-proċess

"Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Diċembru, 1999[7], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, ċaħdet it-talba tar-rikorrenti biex taħtar mill-ġdid lill-perit tekniku biex jagħti stima tal-ġid li tteħdilhom;

"Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Settembru, 2001[8], li bih u wara dikjarazzjoni li biha l-partijiet talbu lill-Qorti żmien biex jistħarrġu l-possibilita` ta' ftehim bonarju bejniethom dwar il-kwistjoni, fid-dawl ta' bidliet li kienu se' jiddaħħlu fil-liġi rilevanti, ħalliet il-kawża *sine die*;

"Rat id-digriet tal-25 ta' Frar, 2002, li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tagħhom tal-20 ta' Frar, 2002, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

"Rat is-surroga tal-1 ta' Ottubru, 2002, li biha l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta;

"Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' April, 2003, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom;

"Rat il-verbal tas-smigħ tal-1 ta' Marzu, 2005[9], li bih intalab mir-rikorrenti li l-kawża tistenna l-eżitu ta' kawża kostituzzjonali oħra[10] li l-mertu tagħha seta' jolqot il-mertu ta' din il-kawża;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-22 ta' Mejju, 2007[11];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fit-12 ta' Settembru, 2007[12];

"Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

---

6 Paġġ. 70 – 1 tal-proċess
7 Paġġ. 79 – 80 tal-proċess
8 Paġġ. 97 – 8 tal-proċess
9 Paġ. 128 tal-proċess
10 Rik. Kost. 537/96
11 Paġġ. 137 sa 150 tal-proċess
12 Paġġ. 153 sa 167 tal-proċess

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

"**Ikkunsidrat:**

"Illi b'din il-kawża, r-rikorrenti jridu li din il-Qorti ssib li huma ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom li jgawdu ħwejjiġhom bla xkiel u li jingħataw kumpens xieraq għat-teħid ta' tgawdija ta' ħwejjiġhom. Huma jgħidu wkoll li ġew diskriminati bl-għamil tal-intimati jew ta' min minnhom;

"Illi l-intimati jwarrbu dawn ix-xiljiet u jisħqu li kulma sar kien skond il-liġi, u għal għan pubbliku. F'kull każ, jgħidu li l-liġi tagħti lir-rikorrenti rimedju xieraq billi tipprovdi kumpens għat-teħid tal-proprjeta`. Huma jiċħdu li mxew b'xi mod diskriminatorju fil-konfront tal-istess rikorrenti. L-intimat Avukat Ġenerali qanqal ukoll il-kwistjoni li hu ma kellux jitħarrek u jmissu jinħeles milli jibqa' fil-kawża;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrenti, aħwa Saliba (u wliedhom), kienu sidien ta' sehem ta' nofs mhux maqsum minn sitt (6) postijiet fi Triq il-Ponta[13], l-Isla. Dawn kienu magħmula minn ħames (5) postijiet terrani u binja oħra fuqhom ta' għoxrin (20) appartament. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, l-bini ġarrab ħsara bil-ħidma tal-għadu. Fis-27 ta' Frar, 1951, il-Kummissarju intimat ħa pussess tal-imsemmi ġid b'dikjarazzjoni (Nru. 83/1951) li dehret fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern ta' dakinhar. Il-Gvern kien iħallas lis-sidien kera ta' tmienja u tmenin lira (£88) fis-sena[14]. Wara li ntemmet il-Gwerra, dak li kien għad fadal mill-bini (u kif ukoll mill-bini ta' madwaru) twaqqa', iżda qabel sar dan ma saritx pjanta dettaljata[15]. Minfloku tela' bini ieħor li jikkonsisti f'bini għal akkomodazzjoni pubblika, b'għadd ta' remissi fuq il-livell tat-triq u b'ħanut wieħed fil-kantuniera[16].

---

[13] Illum, f'dik in-naħa tat-triq iġġib l-isem ta' Triq d'Homedes
[14] Xhieda tar-rikorrent Nutar Saliba 25.9.1998, f'paġ. 25 tal-proċess
[15] Par. 21 tar-Rapport tal-perit tekniku, f'paġ. 47 tal-proċess
[16] Par. 23, *ibid*, f'paġ. 48 tal-proċess

Biċċa mill-art li fuqha kien hemm il-bini li twaqqa' ttieħdet għat-twessigħ tal-istess triq;

"Illi f'Settembru tal-1991[17], r-rikorrent Nutar Saliba kiteb lill-Kummissarju intimat biex, f'isem is-sidien, jitlob li jingħataw kumpens xieraq. Ir-rikorrent kien ippropona kumpens ta' mija u ħamest elef Lira Maltin (Lm105,000)[18] li minnu r-rikorrenti jkun imisshom in-nofs. Tweġiba – lil hinn minn sempliċi *acknowledgement* għall-ittra mibgħuta – baqgħet ma ngħatat qatt mill-intimat lir-rikorrenti;

"Illi b'Avviż li deher fil-Gażżetta tal-Gvern tat-22 ta' Ġunju, 1993[19], l-Aġent President ta' Malta ddikjara li l-imsemmija fondi (flimkien ma' oħrajn li r-rikorrenti m'għandhomx sehem minnhom) kienu meħtieġa mill-awtorita` kompetenti għal skop pubbliku, taħt it-titolu ta' dominju pubbliku. Ir-rikorrenti baqgħu jieħdu l-kera mħallas lilhom mill-intimati. Minn dak iż-żmien 'il quddiem ma jidher li sar xejn aktar. L-ebda waħda mill-partijiet ma mexxiet b'xi proċedura ġudizzjarja quddiem it-Tribunal kompetenti. Ir-rikorrenti fetħu din il-kawża f'Marzu tal-1998;

"Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' punti ta' dritt marbutin mal-każ</u> iridu jsiru tabilfors fil-qafas ta' dak li ntalab fir-rikors promotur u fid-dawl tal-fatti u ċ-ċirkostanzi li jikkaratterizzaw il-każ. Ir-rikorrenti għażlu li jibnu l-ilment kostituzzjonali tagħhom espressament fuq id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Mkien, fl-imsemmi rikors, ma kienu semmew ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali mħarsin fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tqis is-sottomissjonijiet li huma għamlu fin-Nota tagħhom dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ukoll minħabba l-fatt li f'dan il-każ ma seħħitx esproprjazzjoni (fis-sens ta' teħid ta' proprjeta`) iżda seħħet biss ċaħda jew tnaqqis ta' tgawdija tagħha[20]. Ma' dan jiżdied jingħad ukoll li, f'dan il-każ, jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni li jżomm mill jsir stħarriġ ta' ksur tal-Artikolu

[17] Dok "PS1", f'paġġ. 21 – 2 tal-proċess
[18] Li jġibu € 244,584 fi flus tal-lum
[19] Dok "PS2", f'paġ. 23 tal-proċess
[20] Kost. **30.11.2001** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol : **LXXXV.i.540**)

37 tagħha dwar it-tħaddim ta' xi liġi li kienet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962[21];

"Illi għall-istess raġuni l-Qorti m'hijiex sejra tqis is-sottomissjonijiet tal-intimati dwar jekk ir-rikorrenti messhomx inqdew b'rimedji ordinarji minflok ressqu din il-kawża konvenzjonali, ladarba qatt ma kienet tressqet eċċezzjoni formali f'dan is-sens (minbarra l-fatt li r-rimedju "ordinarju" li jirreferu għalih ma kienx jeżisti sa bosta snin wara li nfetħet din il-kawża[22]) u ladarba ntwera biċ-ċar tul is-smigħ tal-kawża li din il-Qorti (kemm diversament u kif preżentement presjeduta) wriet li hija kienet qegħda twettaq is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża fil-mertu;

"Illi **dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali**, fis-sens li ma messux tħarrek f'din il-kawża, l-Qorti hija tal-fehma li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa. Filwaqt li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni, l-intimati jistrieħu fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 181B(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid li l-Avukat Ġenerali jidher għall-Gvern f'dawk l-atti u kawżi li, minħabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern. Huma jgħidu li, f'din il-kawża, ma kienx hemm għalfejn jitħarrek l-Avukat Ġenerali għaliex kien biżżejjed li l-kawża saret kontra l-Kummissarju intimat, u dan kif joħroġ mill-Artikolu 181B(1) tal-istess Kodiċi[23];

"Illi dwar dan, il-Qorti tqis li l-kwistjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fundamentali tintrabat kemm mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mar-rimedju xieraq li jista' jingħata għal dak il-ksur. Ilum hu stabilit li l-Qrati tagħna għarfu din ir-realta` u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradituri f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet

---

[21] Ara P.A. (Kost.) **9.4.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et***

[22] F'dan ir-rigward, il-Qorti qegħda żżomm quddiem għajnejha l-bidliet li seħħew fil-liġi bis-saħħa ta' l-Atti I u III tal-2006 (li ma jgħinux lill-każ tar-rikorrenti)

[23] Ara wkoll (*obiter*) Kost. **11.4.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri et Kummissarju tal-Artijiet et***

kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-għemejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwistjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'Qorti[24]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwistjoni[25];

"Illi fil-każ li għandna quddiemna r-rikorrenti bl-ebda mod ma qegħdin jattakkaw il-liġi bħala l-għajn li minnha jinħoloq il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. F'dik l-ipoteżi, il-Gvern ikun irid iwieġeb u jirrimedja u f'dan ir-rigward l-ebda kap ta' dipartiment ma jista' jidħol minflok il-Gvern li jirrappreżenta. F'każ bħal dan, iżda, l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mibni fuq l-għamil tal-Kummissarju tal-Artijiet (jiġifieri tad-Dipartiment immexxi minnu) u għalhekk il-ġudizzju huwa sħiħ bih waħdu;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali u tqis li ma kienx hemm għalfejn jitħarrek ukoll, għalkemm, fid-dawl tal-Artikolu 181B(3) tal-Kodiċi msemmi, l-istess intimat xorta waħda kellu jkun notifikat bl-atti tal-kawża u, bla ebda dubju, kien se jipprovdi l-avukat difensur tal-intimat l-ieħor kif fil-fatt ġara;

"Illi **dwar l-ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu**, joħroġ ċar li r-rikorrenti jilmentaw li l-għamil tal-Kummissarju intimat jikser il-jedd tagħhom għat-tgawdija bla xkiel tal-pussess ta' ħwejjiġhom taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u l-jedd tagħhom li ma jkunux diskriminati taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti sejra tqishom f'din l-ordni;

---

[24] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.56**)
[25] P.A. Kost. RCP **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Brincat et vs Avukat Ġenerali et***

"Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ kull wieħed miż-żewġ dispożizzjonijiet li dwarhom jirreferu l-ilmenti tar-rikorrenti, jidher xieraq li ssir ukoll tifsira ta' xi termini li jintużaw fil-liġi speċjali[26] li minnha seħħew il-ġrajja kollha marbutin ma' dan il-każ;

"Illi l-ewwel darba li l-ġid tar-rikorrenti ttieħed mill-awtorita` pubblika kien minnufih wara li ntemmet it-Tieni Gwerra dinjija. Mill-atti tal-kawża ma joħroġx jekk dak l-intervent kienx jirriżulta minn xi proklama jew dikjarazzjoni uffiċjali[27]. Wara li l-bini mġarraf twaqqa' kollu u nbena mill-ġdid, ittieħed formalment mingħand ir-rikorrenti fl-1951 b'titolu ta' pussess u użu. Fl-1993, wara li sentejn qabel ir-rikorrenti kitbu lill-Gvern biex jagħti l-kumpens, il-Gvern qatagħha li l-bini jiksbu għal għan pubbliku b'titolu ta' dominju pubbliku;

"Illi l-liġi tqis li għan (jew, biex tintuża l-kelma mħaddma fil-liġi, skop) ikun pubbliku meta "*għandu x'jaqsam mal-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali, jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għal użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew għall-ippjantar ta' l-ibliet jew ma' jew għar-rikostruzzjoni jew kull skop li għandu x'jaqsam mad-difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew tal-ajru; u jfisser ukoll kull skop ieħor imsemmi bħala pubbliku minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt din l-Ordinanza jkun konness mal-utilizżazzjoni ta' xi art jew xi dritt konness jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilita` jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bħala konness ma' jew anċillari għall-interess pubbliku jew utilita`* ". L-imsemmija liġi tgħodd biss dwar art, f'liema kelma huwa magħdud ukoll kull sura ta' bini jew jeddijiet oħrajn marbutin mal-użu tiegħu;

[26] L-Ordinanza XL tal-1935 dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel Kap 136)
[27] Għall-kuntrarju, mid-Dok "PS1" jidher li t-teħid sar b'għaġġla, bla ma ddaħħlu s-sidien u "b'titolu prekarju", ara paġ. 23 tal-proċess

"Illi dik il-liġi[28] tagħraf tlett (3) suriet ta' akkwist min-naħa tal-Gvern għal għanijiet pubbliċi: jew taħt (i) ix-xiri assolut, jew (ii) il-pussess u użu għal żmien determinat jew dak iż-żmien li l-ħtiġijiet tal-għan pubbliku jkunu jitolbu u jew (iii) id-dominju pubbliku. Iżda l-liġi taħseb ukoll li ġid jista' jinkiseb f'biċċa minnu taħt titolu wieħed u f'biċċa oħra taħt titolu ieħor, għajr fejn il-kisba ssir f'isem jew għall-użu ta' terza persuna, f'liema każ it-teħid irid tabilfors isir b'xiri assolut. F'każ fejn ġid ikun ittieħed b'titolu ta' pussess u użu, u jgħaddu aktar minn għaxar snin minn dakinhar li jkun hekk ittieħed, is-sid ikollu l-jedd jitlob li dak il-ġid jew jinxtara jew jinkiseb b'titolu ta' dominju pubbliku jew, f'każ li la tingħażel il-waħda u lanqas l-oħra, li jinħeles mill-ġdid favurih[29];

"Illi l-kumpens lis-sid maħsub mil-liġi għal teħid ta' ġid taħt titolu ta' pussess u użu temporanju jikkonsisti f'kera ta' akkwist (*acquisition rent*), filwaqt li l-kumpens għat-teħid ta' ġid taħt titolu ta' dominju pubbliku jikkonsisti fil-ħlas ta' kera ta' għarfien (*recognition rent*)[30]. Fil-każ ta' teħid taħt titolu ta' xiri assolut, il-kumpens jikkonsisti fi ħlas ta' valur xieraq li dak il-ġid jitqies – skont il-kriterji msemmija fl-istess liġi – bħala l-valur xieraq: minħabba li l-kisba tirrigwarda ġid immobbli, ikun meħtieġ ukoll il-pubblikazzjoni ta' att pubbliku nutarili. Filwaqt li l-pussess u użu huwa maħsub li jkun għal żmien li jagħlaq, it-teħid b'dominju pubbliku min-natura tiegħu jdum għal dejjem u l-kera tal-għarfien li jitħallas lis-sid ma jitbiddel qatt[31]. F'dan il-każ tal-aħħar, il-kera tal-għarfien tixxiebah ma' ċens perpetwu u l-Gvern jikseb setgħat fuq il-ġid li jixbhu lil dawk li jgawdi l-enfitewta[32];

"Illi **dwar il-jedd tar-rikorrenti għat-tgawdija bla xkiel ta' ġidhom** din il-Qorti jidhrilha li huwa xieraq ittenni li l-eżerċizzju li għandha tagħmel f'dan il-każ huwa dak li tqis jekk kemm-il darba kienx hemm ksur tal-jedd tagħhom għat-"tgawdija paċifika tal-possedimenti" tagħhom f'każ li l-għamil ma jkunx wieħed ta' **teħid** (fis-sens ta' ċaħda jew,

[28] Art. 5 tal-Kap 88
[29] Art. 19(1) tal-Kap 88
[30] Art. 13(2) tal-Kap 88
[31] Art. 19(5) tal-Kap 88
[32] Ara, b'mod partikolari l-artt. 19(6) u (8) tal-Kap 88

fi kliem il-Konvenzjoni, "privazzjoni") ta' dak il-ġid imma ta' **ndħil** f'dik it-tgawdija. Jekk jirriżulta li kien hemm teħid, allura l-Qorti tkun trid tqis ukoll jekk dak it-teħid kienx maħsub fl-interess pubbliku jew fl-interess ġenerali **u** kif ukoll jekk dan ikunx sar b'ħarsien ta' liġi domestika u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali;

"Illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jrid li:

""*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*";

"Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, li kif ilu jingħad u kif ilu stabilit[33], huwa ġabra ta' tlett (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu jrid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat (f'dan il-każ, l-esproprjazzjoni). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa`[34] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta` demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u

[33] Sa mis-sentenza Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61

[34] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)

għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

“Illi għall-finijiet ta’ dan l-artikolu, ikun hemm “teħid ta’ possedimenti” biss “*when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. .... In the absence of a formal extinction of the owner’s rights, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2*”[35]. B’“*de facto deprivation*” wieħed jifhem dawk il-każijiet fejn “*the authorities interfere substantially with the enjoyment of possesions without formally divesting the owner of his title*”[36]. Għalhekk, b’teħid ta’ ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta’ dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[37];

“Illi min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista’ jieħu s-sura ta’ kull għamla ta’ kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

“Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali, hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala “interess pubbliku”, l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta’ diskrezzjoni;

“Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, l-Qorti ssib li t-teħid tal-ġid tar-rikorrenti l-ewwel taħt titolu ta’ pussess u użu u, wara, b’dominju pubbliku m’għandux jitqies bħala teħid tal-ġid, għaliex ir-rikorrenti għadhom sal-lum magħrufin bħala s-sidien tal-bini meħud. Għalhekk, l-għamil tal-intimat jikkostitwixxi għamla ta’ kontroll fl-użu ta’ dak il-ġid, dettat minn żewġ ċirkostanzi ta’ fatt. L-ewwel fatt hu li l-ġid kien ġarrab ħsara b’ħidma tal-għadu b’mod tali li ma setax jibqa’ iżjed jintuża għall-għan li għalih kien

---

[35] Harris, O’Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 527 – 8
[36] *Ibid.* f’paġ. 528
[37] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et*** (każ li jirreferi għall-jedd tal-lawdemju)

inbena. It-tieni fatt hu li l-kontroll li l-Istat qiegħed jagħmel b'dan il-ġid hu marbut mal-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali li, f'kull żmien u l-aktar f'dawk l-inħawi tal-pajjiż, kienet laħqet qagħda kritika;

"Illi wkoll kieku l-kisba b'titolu ta' dominju pubbliku kellha titqies bħala teħid tal-ġid tar-rikorrenti, għandu jirriżulta bla ebda dubju li dik il-kisba saret mhux biss għal għan pubbliku iżda saħansitra fl-interess pubbliku. Huwa dan l-aspett tal-aħħar li jinteressa l-aktar it-tħaddim tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni[38]. Il-bini li ttella' minflok dak li ttieħed mingħand ir-rikorrenti (jew l-awturi tagħhom) kien u għadu jintuża għall-akkomodazzjoni ta' familji privati. Tneħħi remissa waħda minn bosta fil-livell tat-triq li jidher li tintuża bħala ħanut, il-bqija tal-ġid jintuża għal għanijiet residenzjali soċjali jew użu marbut ma' dan. L-istess rikorrenti jaċċettaw dan l-istat ta' fatt u ma jqisux li l-intimat ħa f'idejh il-ġid tagħhom għal raġuni oħra ħlief biex jipprovdi tali akkomodazzjoni lil min kien tassew jeħtieġha[39];

"Illi, mbagħad, mix-xhieda li ta r-rikorrent Nutar Saliba nnifsu[40] r-rimedju mistenni mir-rikorrenti huwa dak li jingħataw kumpens xieraq. Fi kliem ieħor, ir-rikorrenti ma jidhirx li qegħdin jikkontestaw b'xi mod il-jedd li l-intimati ħadu l-ġid tagħhom għall-għan li għalih intuża. Kif ingħad qabel, fit-tifsira xierqa li għandu jingħata l-Artikolu 1, huwa meħtieġ li wieħed jara jekk bl-għamil tat-teħid jew tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna li tkun, iżammx jew le bilanċ xieraq bejn l-interess ġenerali jew pubbliku u l-jeddijiet milquta tal-istess persuna dwar il-ġid meħud. Dan jgħodd ukoll meta wieħed jiġi biex jitqies il-kumpens provdut wara għamil ta' teħid jew indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' dak li jkun. Għalhekk, "*The level of compensation must be 'reasonably related' to the value of the property taken. However, Article 1/1/2 requires neither full compensation nor the same level of compensation for every category of deprivation. ... where the state was pursuing economic reform or social justice, less reimbursement was due to the dispossessed owners than full market value. ... The*

[38] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) għat-tifsira bejn « skop » u « interess » pubbliku
[39] Ara n-Nota ta' Osservazzjonijiet tagħhom f'paġ. 147 tal-proċess
[40] Paġ. 25 tal-proċess

*guiding principle remains the 'fair balance', reliance upon which is necessary to establish any right to compensation for nationals. It is also a principle which leaves a wide margin of appreciation to the state to determine what the level of compensation should be*"[41];

"Illi l-Qorti tqis li għat-teħid jew indħil fl-użu tal-ġid tar-rikorrenti, l-intimat iqegħed iħallas lir-rikorrenti l-kera tal-għarfien. Huwa minnu li s-somma mħallsa (li r-rikorrenti jmisshom biss nofs minnha) m'hijiex xi somma konsistenti jew għolja, u lanqas ma jidher li hija maħsuba li togħla mal-medda taż-żmien. Iżda hija somma li titqabbel ma' kera li jitħallas skond il-liġi dwar fondi qodma mogħtija għall-kiri bħala djar ta' abitazzjoni. Fuq kollox, ir-rikorrenti ma ntalbu jagħmlu l-ebda spejjeż la għall-bini tal-imsemmi ġid u lanqas dwar iż-żamma tiegħu fi stat tajjeb. B'żieda ma' dan u kif sewwa josservaw l-intimati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[42], meta l-ġid ġie f'idejn missier ir-rikorrenti, il-bini kien diġa` mikri lil terzi u għalhekk meta wieħed jieħu qies tal-kera ta' dak iż-żmien dwar djar qodma u mal-fatt li l-ġid ma kienx f'idejn l-awtur tar-rikorrenti b'titolu ta' proprjeta` ħielsa, ma jidhirx li t-teħid tal-pussess min-naħa tal-Gvern u l-kumpens mogħti ġab fir-rikorrenti dak il-preġudizzju kbir li jsemmu fis-sottomissjonijiet tagħhom;

"Illi taħt dan l-ilment ukoll, ir-rikorrenti jqanqlu l-kwistjoni tal-abbuż li sar min-naħa tal-Kummissarju intimat bil-fatt li, minkejja li l-bini tagħhom ittieħed taħt titolu ta' pussess u użu, dan qabad u ġarraf il-bini bla ma talab il-kunsens tagħhom u bena, minflok, blokka appartamenti fuq l-art tagħhom u l-art ta' ħdejha u ħa biċċa mill-ġid tagħhom biex wessa' t-triq. Dwar dan, il-Qorti ssib li, minn kif seħħew il-ġrajja tal-każ, jidher li t-teħid fiżiku tal-ġid tar-rikorrenti seħħ saħansitra qabel ma nħarġet id-dikjarazzjoni formali tat-teħid taħt pussess u użu, għaliex il-bini ttella' minnufih wara tmiem il-Gwerra. Fit-tieni lok, u fuq livell legali, jidher li din il-Qorti hija miżmuma *ratione temporis* milli tqis dan l-aspett tal-ilment, minħabba dak li jipprovdi l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u

[41] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. Cit.*, paġġ. 533 – 4
[42] Paġ. 166 tal-proċess

għaliex iż-żmien li l-ġid kien miżmum taħt titolu ta' pussess u użu kien bosta snin qabel l-1 ta' April, 2002;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda ssib li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru li ġarrbu ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni bl-għamil tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet;

"Illi **dwar il-jedd tar-rikorrenti li ma ssirx diskriminazzjoni magħhom** jidher li huma jilmintaw mill-fatt li l-intimat għażel li l-bini li kien ittieħed b'titolu ta' użu u l-pussess fl-1951 ittieħed taħt titolu ta' dominju pubbliku fl-1993 u mhux b'xiri assolut. Huma jisħqu li f'każijiet oħrajn bħal tagħhom il-Gvern kien xtara l-ġid esproprjat b'xiri assolut mingħand is-sidien esproprjati. Għalhekk, iqisu li ngħataw trattament differenti minn ħaddieħor u b'hekk ġarrbu diskriminazzjoni. Il-Qorti tinnota, madankollu, li r-rikorrenti (għall-kuntrarju tal-intimati) ma għamlu l-ebda riferenza għal dan l-aggravju tagħhom la fin-Nota ta' Sottomissjonijiet u lanqas waqt it-trattazzjoni ulterjuri bil-fomm quddiemha. F'kull każ, ladarba l-kawżali tad-diskriminazzjoni hija waħda minn dawk li dwarhom tressqu t-talbiet tar-rikorrenti, il-Qorti sejra tistħarreġ dan l-ilment ukoll;

"Illi meta Qorti tintalab tistħarreġ l-ilment taħt l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu iżjed fil-għadd u l-kwalita` mill-kawżali msemmijin fl-istess Artikolu 14. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi Artikolu 14[43]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-

[43] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177

Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[44];

"Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the finaldecision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[45];

"Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-Aartikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kienitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kienitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita` bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak*

[44] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. Cit*, paġġ. 465 – 6

[45] Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161 (każ fejn persuna ikkundannata għal għomorha l-ħabs ma ngħatatx maħfra Presidenzjali bħal uħud oħrajn li kellhom l-istess kundanna u ngħatatilhom maħfra)

*il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[46];

"Illi f'każijiet ta' ilment taħt l-Artikolu 14, jaqa' fuq il-persuna li tallega l-aġir diskriminatorju kontra tagħha li turi liema huwa dak l-artikolu tal-Konvenzjoni li fl-ambitu tiegħu tkun seħħet dik id-diskriminazzjoni. Tali persuna tkun trid turi wkoll kif imiss li hija qiegħda tingħata trattament differenti (agħar) minn dak li persuni oħra fil-qagħda tagħha qegħdin jingħataw. La jsir dan, imbagħad, jaqa' fuq l-Istat li juri li teżisti raġuni oġġettiva u raġonevoli għaliex qiegħed jingħata dak it-trattament differenti[47];

"Illi fil-każ li għandna quddiemna, joħroġ li l-għażla tal-intimat li jieħu l-binja taħt titolu ta' dominju pubbliku hija waħda mill-għażliet li l-liġi espressament tagħtih id-dritt li jagħmel. Ma kienx marbut li t-teħid iwettqu tabilfors b'titolu ta' xiri assolut. Dak li l-Qorti trid tqis huwa jekk, fl-għażla li għamel, l-intimat mexiex b'mod diskriminatorju mar-rikorrenti. Dwar dan, il-Qorti tirreferi għax-xhieda mressqa, b'mod partikolari dik mogħtija minn Joseph Sciriha[48]. Minn dik ix-xhieda joħroġ li l-"*policy*" mħaddma hi li, huwa biss f'każijiet fejn il-ġid jintuża għal finijiet kummerċjali li t-titolu ta' pussess u użu, wara li jagħlaq iż-żmien, jinbidel f'wieħed ta' xiri assolut. Fil-każijiet l-oħrajn, fejn il-Gvern iħoss li għandu jżomm kontroll tal-ġid esproprjat, it-titolu jkun dak ta' dominju pubbliku. Il-Qorti tqis li l-ġid tar-rikorrenti kien u reġa' baqa' jintuża bħala bini residenzjali (il-Perit Tekniku qanqal dubju dwar jekk xi parti mill-uniku ħanut li hemm fil-binja jaqax fil-limiti tal-konfini fejn kien il-ġid tal-awturi tar-rikorrenti qabel twaqqa'). Tqis ukoll li l-imsemmija "*policy*", għalkemm tħalli lok għal diskrezzjoni wiesgħa f'idejn l-intimat[49], ma ntweriex li tħaddmet f'dan il-każ speċifikatament biex iġġib ħsara lir-rikorrenti jew għax huma min huma;

---

[46] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet

[47] Q.E.D.B. **23.10.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Darby vs Svezja*** (Applik. Nru. 11581/85) § 31

[48] 5.5.2000, f'paġġ. 89 – 90 tal-proċess

[49] Ara r-rimarki dwarha f'P.A. (Kost) **18.1.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq et vs L-Avukat Ġenerali et*** (mhix pubblikata)

"Illi, kif ingħad qabel, huma r-rikorrenti li riedu juru li seħħ trattament diskriminatorju. Filwaqt li seħħilhom juru li d-dikjarazzjoni lamentata taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ma wrew bl-ebda mod li xi nies jew sidien oħrajn fl-istess qagħda tagħhom ingħataw trattament aħjar minnhom. B'żieda ma' dan, il-Qorti ma ssibx li hemm wisq iżjed li jista' jwassal biex jitqies ukoll li d-differenza fit-trattament kienet waħda diskriminatorja għall-finijiet tal-Artikolu 14 tal-konvenzjoni u, bit-twettiq tal-eżerċizzju hawn fuq imsemmi, ma jistax jingħad li l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**"Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat Ġenerali u tiddikjara li ma hux il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u għalhekk teħilsu milli joqgħod fil-kawża bi spejjeż għar-rikorrenti;

**"Tiddikjara li** ma ssibx li r-rikorrenti seħħilhom juru li ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, bla ħsara ta' kull jedd ta' azzjoni li jista' jkollhom taħt xi liġi oħra;

**"Tiddikjara li** r-rikorrenti lanqas ma seħħilhom juru li ġarrbu xi sura ta' diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

**"Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat** Kummissarju tal-Artijiet fil-mertu; u

**"Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**."

**<u>L-Appell tar-rikorrenti</u>**

2.1 Ir-rikorrenti hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita u interponew appell minna, ghal fini ta' revoka, bl-akkoljiment tat-talbiet taghhom, ic-cahda ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati appellati u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

2.2 L-aggravji tar-rikorrenti jistghu in succint jigu migbura fis-segwenti:

Dwar it-tehid ta' drittijiet u deprivazzjoni mid-tgawdija tal-proprjeta`

(i) li l-ewwel Qorti malament applikat l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u kienet zbaljata meta fittxet li taghzel jekk il-fatti tal-kaz jammontawx ghal deprivazzjoni jew ghal kontroll ta' uzu.

L-ewwel ezercizzju li messu sar kien jekk hemmx deprivazzjoni ta' proprjeta` u wara li dan jigi stabbilit, jekk tali deprivazzjoni tammontax ghal kontroll ta' uzu. F'kull kaz, il-kontroll ta' uzu mill-Istat xorta wahda jrid jigi mistharreg "fil-konfront tal-principju ta' proporzjonalita` li fih jinkludi wkoll element ta' kumpens xieraq u gust."

(ii) li l-ewwel Qorti kienet inoltre zbaljata meta kkunsidrat li ladarba l-agir sar sabiex jaqdi l-interess pubbliku allura dan jammonta ghal kontroll ta' uzu. Taht dan l-aspett, l-appellanti jissottomettu li "anke tehid fl-interess pubbliku jrid jissodisfa rekwiziti ohra bhal dak ta' proporzjonalita` bejn l-interess pubbliku u l-piz li tqieghed fuq is-sid, rapprezentanti wkoll mill-kumpens li huwa dovut lil dak is-sid";

(iii) id-deprivazzjoni tal-proprjeta` sofferta minnhom kienet tivvjola d-dritt taghhom kif protett fl-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghaliex kienet u hija nieqsa mill-proporzjonalita`. L-ammont ta' Lm88 *per annum* bhala kera offert lis-sidien huwa irrizjorju.

L-ewwel Qorti hija ghalhekk skorretta meta kkunsidrat li s-sidien (i.e l-appellanti) ma gewx mitluba "l-ebda spejjez la ghall-bini ta' l-imsemmi gid u lanqas dwar iz-zamma tieghu fi stat tajjeb." Ir-rikorrenti, invece, kienu intitolati, bhal kull sid iehor ghal kumpens mill-*war damage fund* liema kumpens baqa' ma nghatalhomx kif suppost.

Fil-kaz in ezami, isostnu l-appellanti, dak li sar mill-appellati kien effettivament jammonta ghat-tehid u mhux

kontroll ta’ uzu. Il-kontroll ta’ uzu neccessarjament jimplika r-rimanenza ta’ drittijiet rilevanti rigward il-proprjeta` fis-sid, li mhux il-kaz fis-sitwazzjoni in dizamina. F’kull kaz, il-kumpens offert lis-sidien huwa tant zghir li “qatt ma jista’ jigi anke remotement kunsidrat bhala xieraq jew adegwat fic-cirkostanzi.”

Dwar allegata diskriminazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 14 mehud flimkien ma’ l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

(i) id-decizjoni tal-ewwel Qorti li ma sabitx diskriminazzjoni hija ngusta ghaliex fic-cahda tad-tgawdija tal-proprjeta` taghhom, ir-rikorrenti “huma wkoll qeghdin jigu diskriminati”. Dan hu hekk meta tali pozizzjoni li sabu ruhhom fiha tigi “mqabbla mal-pozizzjoni ta’ hafna sidien ohra li gew mcahhda mill-proprjeta` taghhom ghall-istess ghanijiet izda fejn ir-rikorrenti qeghdin jigu mgeghla jerfghu dan il-piz taht titolu ta’ pussess u uzu u sussegwentement dominju pubbliku, il-proprjeta` tas-sidien l-ohra gew mehuda b’xiri assolut”.

Ir-rikorrenti ilhom mis-sena 1951 imgeghla igorru dan il-piz eccessiv minghajr ma jircievu ghall-anqas kumpens xieraq a differenza mill-ohrajn fejn il-proprjeta` taghhom ittiehdet b’xiri assolut u nghataw kumpens xieraq fis-suq, jew ta’ lanqas skatta fihom id-dritt ghal tali kumpens.

**Ir-risposta ta’ l-appell tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet u ta’ l-Avukat Generali.**

3.1 L-intimati appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

3.2 Dwar l-ewwel aggravju, huma jissottomettu illi l-Art. 12(3) tal-Kap. 88 jaghti lill-awtoritajiet kompetenti d-dritt li jiehdu pussess ta’ fond li jkun l-oggett ta’ Dikjarazzjoni Presidenzjali ai termini tal-Artikolu 3 tal-istess Kap. Il-fatt li l-Gvern iddemolixxa u rega’ bena mill-gdid il-fondi *de quo* bl-ebda mod ma jfisser li agixxa illegalment. Il-fond *de quo* ttiehed b’pussess u uzu, mentri llum dan it-titlu gie mibdul f’wiehed ta’ dominju pubbliku.

Fil-kaz odjern, l-esproprjazzjoni saret b'mod legittimu u bi skop ta' *'social housing'* – skop pubbliku fil-parametri tal-ligi.

Hawn si tratta ta' proprjeta` distrutta flimkien ma' proprjetajiet ohra fl-istess Belt tal-Isla fi zmien il-Gwerra, u fejn il-konfini ma baqghux jidhru. Mill-provi lanqas jirrizulta fic-cert l-ammont tal-metri kwadri li kienu jappartjenu lir-rikorrenti b'nofs indiviz. Mir-rapport peritali, il-probabbilita` hija li l-binja *de quo* kienet sovrapposta ghal bini ta' terzi izda lanqas hemm certezza dwar l-gholi tal-bini ta' terzi fuq Bastion Street, Senglea.

Dwar l-ezistenza ta' *bar,* ma ngabet ebda prova konkreta illi dan il-*bar* kien sitwat fuq il-proprjeta` tal-appellanti u hemm biss "suppozizzjoni tal-Perit Tekniku." F'kull kaz, l-element kummercjali ma jhassarx l-element ta' l-iskop pubbliku.

Dwar kumpens, il-Kap. 88 jipprovdi ghal meta proprjeta` tittiehed ghal skop pubbliku. F'kaz li s-sid ma jaqbilx mal-kumpens offert, is-sid ghandu rimedju xieraq u ordinarju fejn jista' jikkontesta tali kumpens.

Jidher li r-rikorrenti fethu dawn il-proceduri qabel ma kkontestaw il-kumpens offrut lilhom.

Dwar l-aggravju li l-kumpens kien baxx, hemm kazistika tal-Qorti Ewropeja fis-sens li l-hlas ta' kera li wiehed jista' jikkunsidra bhala li hu baxx, m'huwiex fih innifsu leziv ta' Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

Ir-rikorrenti ma ghandhom ebda dritt fundamentali li jithallsu l-valur tal-fond kif inhu llum. Barra minn dan, l-esproprjazzjoni sehhet fl-1951, u si trattava ta' sit imgarraf li kellu jinbena mill-gdid mill-Gvern. Minn decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg, johrog bic-car li l-kamp tal-kumpens hu wiehed fejn l-Istat igawdi margni ta' apprezzament wiesa'. Lanqas ma hu garantit id-dritt li wiehed jinghata kumpens tal-valur tal-proprjeta` fuq is-suq.

La darba jezisti Tribunal indipendenti u imparzjali bil-kompitu li jiffissa l-valur ta' fondi mehudin b'wiehed mill-modi stabbiliti fil-ligi, il-Qorti kompetenti tista' biss taghti direttivi "dwar il-mod kif dak it-Tribunal kompetenti fil-materja ghandu jimxi. Il-Qrati Kostituzzjonali ma jistghux jassumu l-funzjonijiet tat-Tribunal huma."

3.2 Dwar it-tieni aggravju fuq allegata diskriminazzjoni, din l-allegazzjoni hija infondata billi minn imkien ma jidher f'hiex tikkonsisti l-ezattament din id-diskriminazzjoni. Lanqas mill-provi ma tirrizulta li saret xi forma ta' diskriminazzjoni u dan ukoll billi mhux kull "distinzjoni" bilfors tekwivali ghal "diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 14". Mhux bizejjed li wiehed jilmenta li gie trattat hazin jew bi hsara tad-drittijiet tieghu, izda dak l-agir irid jigi mqabbel ma' agir fil-konfront ta' persuna ohra fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrenti u li d-differenza fit-trattament ma jkollhiex spjegazzjoni hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet elenkati fl-Art. 14 jew ghal xi raguni *eiusdem generis*. Ladarba r-raguni mkien ma hija indikata kjarament, dan l-ilment huwa infondat. L-Art. 14 tal-Konvenzjoni, intoltre, irid dejjem jigi ezaminat ma' disposizzjonijiet ohra ta' l-istess Konvenzjoni billi m'ghandux ezistenza separata.

**<u>Il-Fatti tal-Kaz</u>**

4. Ikun utli li f'dan l-istadju jinghata sfond fil-qosor tal-fatti tal-kaz:-

(i) Ir-rikorrenti ahwa Saliba kienu sidien ta' sehem ta' nofs indiviz ta' sitt (6) fondi fl-Isla, konsistenti f'hames terrani u binja sovrastanti. Tul it-tieni Gwerra Dinjija, dan il-bini safa' danneggjat. Fis-27 ta' Frar 1951, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet ha l-pussess ta' dawn il-beni b'titolu ta' pussess u uzu (Dikjarazzjoni numru 83/1951). Il-bini mgarraf gie demolit mill-Gvern u minfloku nbena blokk gdid ta' appartamenti destinat ghal akkomodazzjoni pubblika. Il-binja l-gdida saret fuq pjanti differenti minn kif kien hemm qabel - u dwar dak li kien hemm qabel ma hemmx pjanta kompleta. F'kantuniera ta' parti minn dawn l-ambjenti inbena hanut, filwaqt li parti mill-art li fuqha kien hemm il-bini li twaqqa' intuzat ghat-twessigh tat-triq biswit il-bini *de quo*. Fil-frattemp, il-Gvern kien ihallas lis-sidien

kera ta' Lm88 *per annum*. Skond ma jallegaw l-appellanti, il-Gvern "approprja ruhu mill-kumpens tal-*war damage*, dovut lill-proprjetarji."

(ii) Fl-24 ta' Settembru 1991 – jigifieri wara t-trapass ta' izjed minn 40 sena – wiehed mir-rikorrenti, jigifieri n-nutar Philip Saliba, kiteb lill-Kummissarju intimat, biex f'ismu u f'isem is-sidien l-ohra, jinghata lilhom kumpens xieraq. Is-sidien ipproponew kumpens globali ta' Lm105,000, li minnu huma kien ikollhom dritt ghal nofs. Din il-proposta bonarja, ma jirrizultax li giet segwita b'mod pozittiv min-naha tal-Kummissarju tal-Artijiet.

(iii) F'Gunju 1993, b'Avviz mitbugh fil-Gazzetta tal-Gvern (Dikjarazzjoni numru 437/93), l-Agent President ta' Malta ddikjara li l-imsemmija fondi (flimkien ma' ohrajn li ma kienux tar-rikorrenti), kienu mehtiega mill-Gvern ghal skop pubbliku, taht it-titolu ta' dominju pubbliku.

(iv) Tul dan iz-zmien kollu, ir-rikorrenti appellanti baqghu jiehdu l-kera mhallas lilhom mill-parti intimata kif fuq inghad.

(v) Minn Gunju 1993 sa Marzu 1998, jigifieri sakemm giet intavolata din il-procedura fuq allegata lezjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ser jinghad aktar 'il quddiem, ma jidher li sar xejn gdid. Fi kliem iehor, l-ebda wahda mill-partijiet ma mexxiet b'xi procedura gudizzjarja quddiem it-Tribunal kompetenti, jew xorta'ohra, biex ikun hemm rizoluzzjoni finali ta' din il-vertenza.

(vi) F'Marzu 1998, ir-rikorrenti intavolaw din il-procedura fuq premessa li d-drittijiet fundamentali taghhom gew lezi f'dik li hija tgawdija ta' proprjeta` u dan kemm a bazi ta' allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni.

L-intimati, min-naha taghhom, jichdu tali ksur kif gie allegat min-naha appellanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

5.1 Ir-rikorrenti, in sostenn tat-talbiet taghhom, invokaw is-segwenti artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jigifieri l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 14.

5.2 L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jipprovdi li gej:
“Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possediment tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

“Izda d-dispozizzjonijiet ta’ qabel ma ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta’ stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xieraq biex jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta’ taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.”

5.3 L-Artikolu 14 jipprovdi li gej:

“It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kuntemplati f’din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor.”

6.1 Qabel ma tidderimi u tiddeciedi fil-mertu, din il-Qorti thoss li ghandha taghmel xi osservazzjonijiet ta’ natura generali dwar il-kaz in ezami.

6.2 L-ewwel osservazzjoni tirrigwarda l-fatt li biex din il-kawza giet deciza quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad hadet xejn anqas minn ghaxar snin u nofs. Bdiet fit-13 ta’ Marzu 1998 u giet deciza fis-16 ta’ Ottubru 2008. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, kawza bhax-xorta in ezami taht ebda cirkostanza ma ghandha testendi ghal durata simili biex tigi deciza. Dan it-tigbid u tnikkir, kien f’parti sew minnu attribwibbli ghan-naha rikorrenti (l-odjerni appellanti). Bizzejjed jinghad li l-legali tar-rikorrenti, apparti talbiet ghal

differimenti minhabba indispozizzjoni, hadu madwar erba' snin u nofs (!) biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet. Fil-fatt, skond verbal datat l-1 ta' Marzu 2005 (ara fol. 128 tal-process) tnizzel li gej:
"Il-Qorti tinnota li ghal darba ohra r-rikorrenti ma ressqux in-nota ta' sottomissjonijiet illi ilhom mit-12 ta' Novembru 2002 li talbu biex ressqu."

Din in-nota giet sa fl-ahhar ipprezentata fit-22 ta' Mejju 2007. Huwa minnu li kien hemm ukoll numru ta' differimenti bl-iskop li possibilment tinstab soluzzjoni bonarja u hemm differimenti ohrajn sakemm isir maghruf l-ezitu ta' proceduri ohrajn b'materja simili imma xorta wahda d-dewmien ikkawzat kien wiehed esagerat taht kull aspett.

6.3 It-tieni osservazzjoni hija li filwaqt li fir-rikors promotorju, kif ukoll fir-rikors ta' appell, ir-rikorrenti jiffokaw kwazi esklussivament fuq allegata lezjoni taz-zewg artikoli surreferiti tal-Konvenzjoni Ewropeja, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom (ara fol. 137-150 tal-process) id-diskors jitwessa' bl-inkluzjoni ta' riferenza ghall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Kien proprju ghalhekk u gustament fil-fehma ta' din il-Qorti illi l-ewwel Qorti kkummentat kif gej fis-sentenza taghha mertu ta' dan l-appell,

"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' punti ta' dritt marbutin mal-kaz iridu jsiru tabilfors fil-qafas ta' dak li ntalab fir-rikors promotur u fid-dawl tal-fatti u c-cirkostanzi li jikkaratterizzaw il-kaz. Ir-rikorrenti ghazlu li jibnu l-ilment Kostituzzjonali taghhom espressament fuq id-dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Imkien, fl-imsemmi rikors ma kienu ssemmew ksur ta' xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali mharsin fil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tqis is-sottomissjonijiet li huma ghamlu fin-nota taghhom dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ukoll minhabba l-fatt li f'dan il-kaz ma sehhitx esproprjazzjoni (fis-sens ta' tehid ta' proprjeta`) izda sehhet biss cahda jew tnaqqis ta' tgawdija taghha. Ma' dan jizdied jinghad ukoll li, f'dan il-kaz, jghoddu d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 47 (9) tal-

Kostituzzjoni li zzomm milli jsir stharrig ta’ ksur tal-Artikolu 37 taghha dwar it-thaddim ta’ xi ligi li kienet fis-sehh qabel Marzu tal-1962”.

Il-Qorti tosserva li fir-rikors ta’ appell ma tissemma l-ebda riferenza espressa dwar xi allegat ksur ta’ xi artikolu tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

6.4 It-tielet u l-ahhar osservazzjoni generika tincidi direttament fuq il-fatti tal-kaz in ezami. Kif gia` gie rrimarkat *supra*, din il-Qorti nnutat li minkejja li l-ewwel dikjarazzjoni ghal fini ta’ tehid taht *possession and use* tal-fondi *de quo* min-naha tal-Kummissarju sehhet fl-1951, ir-rikorrenti ghazlu li jaccettaw il-kera offert lilhom u damu xejn anqas <u>minn erbghin (40) sena</u> sakemm fl-1991 bhal donnhom “stenbhu” billi ddecidew, tramite r-rikorrenti Nutar Dottor Philip Saliba, li jitolbu kumpens xieraq u dan <u>permezz ta’ ittra bonarja</u> *in* data tal-24 ta’ Settembru 1991 (Dok PSI). Din l-akkwixxenza u dan is-skiet totali u inkondizzjonat da parti tas-sidien rikorrenti jidher li induca lill-awtoritajiet kompetenti biex izommu dan l-*istatus quo* ghal tul dan il-perijodu kollu, bla ma taw kaz ghall-konsiderazzjoni l-ohra li tehid ta’ proprjeta` taht *possession and use* ma jistax jibqa’ jipperdura permanentement ghaliex, kif wara bdew isostnu r-rikorrenti, dan hu stat ta’ natura temporanja. Rinfaccjat bit-talba “bonarja” tar-rikorrenti, l-intimat Kummissarju, wara li ha z-zmien tieghu wkoll, ghazel l-opzjoni mit-tnejn li kellu disponibbli, (jigifieri jew billi jiehu l-istess proprjeta` b’xiri assolut jew li jehodha b’titlu permanenti ta’ dominju pubbliku) li effettivament jiehu din il-proprjeta` b’dominju pubbliku u dan fl-1993. Nonostante li kien hemm rimedji in forza tal-ligi ordinarja li r-rikorrenti setghu jaghmlu uzu minnhom, ghal fini ta’ harsien tad-drittijiet taghhom, huma baqghu xorta wahda jircievu regolarment il-kera mhallas lilhom sakemm fl-1998, jigifieri madwar hames snin ohra wara, iddecidew li jippromwovu l-azzjoni odjerna bbazata fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom.

<u>**L-Aggravju dwar tehid ta’ drittijiet u deprivazzjoni mit-tgawdija tgawdija tal-proprjeta**</u>**`.**

7. Taht dan l-ewwel ilment, ir-rikorrenti jissottomettu li l-Qorti ta' l-ewwel grad applikat l-Art.1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja b'mod zbaljat in kwantu dik il-Qorti "fittxet li taghzel jekk il-fatti tal-kaz jammontawx ghal deprivazzjoni jew ghal kontroll ta' uzu." Huma invece jinsistu li l-ewwel kellu jigi mistharreg jekk kienx hemm deprivazzjoni ta' proprjeta` u wara li dan jigi stabbilit, jekk tali deprivazzjoni kienitx tammonta ghal kontroll ta' uzu. Meta s-sid jitqieghed f'posizzjoni li jigi mcahhad minn kull pussess, uzu u sahansitra mill-poter li jaghmel kwalunkwe decizjoni fuq l-proprjeta` tieghu stess jew id-drittijiet tieghu fuq il-proprjeta` tant tkun giet imcekna, allura hawn ikun kaz evidenti ta' deprivazzjoni vera u proprja "hlief l-isem ta' proprjetarju." Fi kliem iehor, ma jkunx tassew kaz dan ta' kontroll ta' uzu ghaliex fir-realta` s-sid ikun gie zvestit minn kull fakkulta` li jiddeciedi fuq l-amministrazzjoni tal-proprjeta` tieghu stess u mwarrab minn kwalunkwe relazzjoni ma' dawk ta' terzi li jkunu akkwistaw il-proprjeta` tieghu taht titoli diversi.

8. Din il-Qorti, ghalkemm certament tasal biex tikkomprendi d-dizappunt tar-rikorrenti ghall-fatt li l-awspikata tranzazzjoni bejnhom u bejn il-Gvern baqghet ma ntlahqitx, fl-istess waqt, u minn *punto di vista* purament legali, ma tistax tikkondividi l-hsibijiet espressi mir-rikorrenti fl-aggravju taghhom. Akkwist min-naha tal-awtoritajiet kompetenti taht titolu ta' pussess u uzu u aktar tard, ta' dominju pubbliku m'huwiex l-istess u ma jekwivalix ghal esproprjazzjoni. Apparti li sal-lum ir-rikorrenti baqghu jippercepixxu l-hlas ta' kera (fatt illi fih innifsu gja` jirrikonoxxihom bhala s-sidien tal-proprjetajiet *de quo*), il-fatt li huma setghu, ankorke` erbghin sena wara l-ewwel Dikjarazzjoni Presidenzjali, jiktbu lill-Kummissarju tal-Artijiet ghal hlas ta' kumpens xieraq u li sahansitra, jesploraw mieghu l-possibbilta` ta' xi forma ta' ftehim per via ta' tranzazzjoni juru kjarament kemm m'huwiex fondat l-argument tar-rikorrenti li huma sabu ruhhom kompletament zvestiti minn kwalsiasi dritt jew setgha fuq il-proprjeta` taghhom. Tant hu hekk illi sa erbghin (40) sena wara l-ewwel Dikjarazzjoni Presidenzjali bis-sahha tal-Artikolu 3 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti kien ghad baqghalhom il-jedd li jispedixxu ittra

lill-Kummissarju tal-Artijiet (ara Dok PSI, a fol. 21 u 22 tal-process) b'talba ghal kumpens fl-ammont ta' Lm105,000. Dan kollu jimmilita ghal kollox u bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mir-rikorrenti. Anzi jekk wiehed jifli sew dak li xehed wiehed mir-rikorrenti (l-uniku xhud minn fosthom, jigifieri n-nutar Saliba) isib li r-rikorrenti stess jirrikonoxxu li ghad ghandhom id-dritt li jagixxu kontra l-Gvern ghal fini ta' l-iffissar ta' kumpens gust. In kontro-ezami, di fatti, in-nutar Saliba (ara. fol. 25 tal-process) *inter alia* jistqarr li gej;

"Qed nigi mistoqsi jekk qattx saru xi proceduri biex jikkontestaw l-ammont tal-kumpens. Jiena nwiegeb li ma niftakarx li saru xi proceduri biex jigi kuntestat l-ammont tal-kumpens.

- Omissis -

"Qed nigi mistoqsi jekk fil-fatt wara li harget id-dikjarazzjoni tal-Public Tenure, jekk fil-fatt ahna mornix quddiem il-Land Arbitration Board biex jigi stabbilit il-kumpens gust, ghandi nghid li sa issa ghadna ma mornix..." (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Kif jikkummentaw in propozitu l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick (ara Law of the European Convention of Human Rights, 2nd Edition, 2009, OUP p.527),

*"In principle there will be a deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the excercise of a legal power to the same effect."*

Kjarament jirrizulta li fil-kaz in ezami ma jistax jinghad li *"all the legal rights of the owner are extinguished,"* la in forza tal-operat tal-ligi jew inkella b'xi mod iehor li jista' jwassal ghall-istess effett.

Mal-ewwel intervent mill-Istat fl-1951, ir-rikorrenti setghu agixxew biex jipprotegu l-interessi patrimonjali taghhom. Setghu jikkontestaw in-natura tal-mizuri illi ttiehdu fil-konfront taghhom, setghu kkontestaw il-fatt li ebda

kumpens ma nghatalhom mill-fond tal-“War Damage” (allegazzjoni dina li ma tinsab sorretta minn ebda prova ta’ xejn), setghu ikkontestaw id-durata tat-titlu tal-akkwist taht *possession and use*, setghu kkontestaw il-konverzjoni minn dan it-titlu ghall-iehor ta’ dominju pubbliku. Minflok, huma qaghdu jistennew mill-1951 sal-1998 biex intavolaw din il-procedura minghajr ma taw kaz ghall-fatt li taht il-ligi ordinarja huma kellhom, u possibilment ghad ghandhom, mezzi procedurali ghal otteniment ta’ rimedju xieraq.

9. Il-Konvenzjoni Ewropeja tirrikonoxxi tassew id-dritt tal-organi tal-Istat li jinterferixxu fid-dritt ta’ tgawdija pacifika tal-proprjeta` privata – u dan fl-interess generali tal-komunita` – basta tinzamm pero` dik li tissejjah “proporzjonalita`” bejn dan l-interess pubbliku u d-drittijiet fundamentali tal-individwu. Kif gie ritenut fid-decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ Strasbourg fil-kawza fl-ismijiet **Pincova and Pinc v. The Czech Republic** (sentenza tal-5 ta’ Novembru 2002),

*“The Court observes that any measure which interferes with the right to peaceful enjoyment of possessions must strike a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual’s fundamental rights...In particular, there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person to his possessions...Thus the balance to be maintained between the demands of the general interest of the community and the requirements of fundamental rights is upset if the person concerned has had to bear a ‘disproportionate burden’...Consequently, the Court has held that the person deprived of his property must in principle obtain compensation ‘reasonably related to its value’, even though ‘legitimate objectives of public interest’ may call for less than reimbursement of the full market value.”*

10. Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti m’humiex qeghdin fir-realta` jikkontestaw l-iskop pubbliku tal-mizuri mehudin mill-Kummissarju ghall-akkwist pubbliku tal-proprjeta`

taghhom gewwa l-Isla. Huma principalment jilmentaw mill-fatt li l-mod kif gew 'zvestiti' minn din il-proprjeta` u l-'ammont mizeru tal-kera' offert lilhom kien leziv ghad-drittijiet fundamentali taghhom, kif sancit mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

11. Huwa pacifiku li l-Kummissarju ghamel uzu minn poteri moghtija lilu bis-sahha tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ir-rikorrenti m'humiex qeghdin jimpunjaw il-validita` legali ta' din l-Ordinanza la globalment u lanqas fir-rigward ta' xi dispozizzjoni partikolari. Dan ifisser li kull setgha jew fakulta` li tinsab fl-imsemmija Ordinanza, sakemm imhaddma fil-parametri tal-ligi, tista' tigi utilizzata validament min-naha tal-awtorita` kompetenti. Barra minn dan, f'kaz li tkun sehhet xi trasgressjoni minn dak li hemm stipulat fl-Ordinanza, ma jkunx necessarjament ifisser ukoll li giet leza l-Kostituzzjoni ta' Malta jew il-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, aktar u aktar meta jkun hemm disponibbli mezzi rimedjali taht il-ligi ordinarja. Kif tajjeb gie sottomess mill-appellati fir-risposta tal-appell (fol. 25 fl-atti tal-appell), l-Artikolu 12(3) tal-Kap. 88 (illum mibdul) kien jaghti dritt lill-awtoritajiet li jiehdu pussess ta' fond li jkun l-oggett ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali ai termini tal-Artikolu 3 tal-istess Kap. L-istess sub-artikolu jaghti anke dritt lill-awtoritajiet kompetenti li jaghmlu f'dak l-immobbli kull xoghol mehtieg minghajr xi limitazzjoni specifika.[50]/[51]

[50] L-Artikolu 3 tal-Kap. 88 jipprovdi hekk:
"3. Il-President ta' Malta jista' jiddikjara, dikjarazzjoni ffirmata minnu, illi art hija mehtiega ghal skop pubbliku."

[51] L-artikolu 12, sub-artikolu 3 tal-Kap. 88 kien, qabel ma gie emendat, jipprovdi hekk:
"Wara li jghaddi z-zmien imsemmi fis-sub-artikolu (2) ta' dan l-artikolu l-awtorita` kompetenti tista' minghajr ebda formalita` ohra tidhol f'din l-art u tiehu pussess taghha jew tawtorizza lil xi hadd jidhol f'din l-art u jiehu pussess taghha u, minkejja xi restrizzjoni li jkun hemm fuq din l-art b'kull ligi ohra jew b'kull dokument jew xort'ohra, taghmel jew tawtorizza lil xi hadd li jaghmel f'din l-art jew fuqha jew dwarha kull xoghol jew hag'ohra tkun li tkun li xi hadd li jkollu interess illimitat f'din l-art ikollu jedd li

Tajjeb li jigi wkoll rilevat li fil-kaz in ezami l-fondi tar-rikorrenti ma twaqqghux mill-Gvern meta kienu jinsabu fi stat tajjeb ta' struttura imma gew demoliti u ri-eretti, imqar jekk fuq pjanta differenti minn kif kienu mibnija qabel, wara li kienu sfaw iddanneggjati bil-hidma tal-ghadu fil-kors tat-Tieni Gwerra Dinjija. Fi kliem iehor, il-Gvern ma qabadx il-proprjeta` tar-rikorrenti fl-Isla, hadha taht is-setgha tieghu taht *possession and use* u qabad u ddemolixxiha.  Il-bini kien invece fi stat iddanneggjat strutturalment u htieglu jigi demolit u mibni mill-gdid.  Il-punt dwar jekk ir-rikorrenti kienux intitolati, u/jew jekk thallsux jew le mill-fondi allokati bhala "War Damage" la ngibu xi provi fir-rigward mir-rikorrenti u lanqas ghandhom strettament rilevanza diretta fuq din il-vertenza.

12. Il-Gvern, tramite l-appellat Kummissarju ta' l-Artijiet, kellu tlett opzjonijiet a dispozizzjoni tieghu fir-rigward tal-proprjeta` tar-rikorrenti, darba li ddecieda li jakkwistaha ghal skop u fl-interess pubbliku.  Huwa seta' akkwistaha b'xiri assolut jew inkella taht titlu ta' pussess u uzu jew b'dominju pubbliku.  Kif rajna, il-Gvern ghazel li jezercita fl-ewwel lok li jakkwistaha taht pussess u uzu u, in segwitu, mar ghall-opzjoni l-ohra ta' dominju pubbliku. Naturalment, ghar-rikorrenti, fic-cirkostanzi, kien ikun ferm aktar jaqbel li l-Gvern jaghzel l-opzjoni tal-*'outright purchase'* u jhallashom prezz gust u ragjonevoli rapprezentanti l-valur tal-proprjeta` *de quo*, izda f'din il-ghazla l-Gvern ghandu margini wiesa ta' diskrezzjoni, dwar liema *margin of appreciation*, il-Qorti ta' Strasbourg (ara fost ohrajn **James and others v. U.K**, 1986) esprimiet li gej,

*"...the Court cannot substitute its own assessment for that of the national authorities...".*

---

jaghmel bis-sahha ta' dak l-interess salv l-obbligu ta' xi awtorita` kompetenti li terga' tqieghed kif kienet l-art jew thallas kumpens ghal kull dannu maghmul jekk il-kazijiet permessi f'din l-Ordinanza l-akkwist ma jkunx tkompla."

L-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Rijn u Zwaak (Theory and Practice of the ECHR, 4th Ed, Intersentia, Antiverpen – Oxford, 2006, Kap. 17, p.p 888-9) jirritenju li gej in propozitu,
*"As the Court held in the Allan Jacobsson Case:*

*"Under the second paragraph of Art. 1 of the Protocol No. 1, the contracting states are entitled amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest, by enforcing such laws as they deem necessary for the purpose. However, as this provision is to be construed in the light of the general principle enunciated in the first sentence of the first paragraph, there must exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. In striking the fair balance thereby required between the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights, the authorities enjoy a wide margin of appreciation."*

*"Given the flexibility of the 'reasonable relationship of proportionality' criterion and the wide margins of appreciation, the Court will not easily conclude that a fair balance has not been achieved, not even when it entertains doubts on this score. Generally speaking the fair balance will be lacking where the applicant has to bear an individual and excessive burden..."*

13. Ir-rikorrenti jillanjaw mhux biss mill-fatt li huma tilfu "kull kontroll" fuq il-proprjeta` taghhom – li m'huwiex ghal kollox korrett – imma jsostnu inoltre li l-kumpens moghti lilhom kien wiehed 'mizeru'. B'hekk jikkonkludu li la kien hemm *"a fair balance"* u lanqas sens ta' proporzjonalita` bejn it-tehid u l-kumpens li nghatalhom biex jaghmel front ghal dan il-kontroll fuq l-uzu ta' proprjeta` li tappartjeni lilhom.

Issa huwa veru li kera ta' Lm88 (valuta ta' dak iz-zmien, ekwivalenti llum ghal mitejn u erba' Ewro u tmienja u disghin centezmu (€204.98c)) illum il-gurnata titqies bhala baxxa hafna kwantu riferibbli ghal numru ta' mezzanini

izda l-kriterju m'ghandux ikun ibbazat fuq il-valur fis-suq illum imma dak li kellu jkun *'se mai'* fl-1951. L-istess rikorrenti nutar Saliba, ara kontro-ezami, a fol. 25 tal-process, jixhed hekk, fuq domanda li saritlu mil-legali tal-appellati dwar l-ammont ta' kera,

"Qed nigi mistoqsi kemm fil-fatt trendi bhala proprjeta` qabel il-Gwerra, nghid li ma nistax niftakar, li nista' nghid huwa li ghal dak iz-zmien dik ir-renta kienet adegwata, renta tajba. Ma nistax nghid jekk hux aktar jew inqas min dak li qed ihallas il-Gvern illum."

Jibqa' in ekwivoku l-fatt li r-rikorrenti qatt ma rrikorrew quddiem it-Tribunal kompetenti in kontestazzjoni tal-ammont ta' kera moghti lilhom mid-Dipartiment tal-Artijiet u jista' jkun ukoll il-kaz li fic-cirkostanzi, il-procedura mehuda mir-rikorrenti ghadha wahda prematura u intempestiva minkejja li issa ghaddew aktar minn nofs seklu li bdiet din il-vertenza. L-awturi Van Dijk et al (ibidem, pp 876-7) jiktbu hekk in propozitu,

*"In order to determine whether a 'fair balance' had been achieved in the Sporrong and Lonroth case, the Court examined the possibilities for the applicants to seek a reduction of the time limits within which the espropriation of their properties might be effected or to claim compensation for the damages suffered during the extremely long period during which the enjoyment of their property rights had been impeded. Because remedies to that effect were not available, the Court decided that Article 1 had been violated.*

*"Conversely, the fair balance will not be upset where the applicant has failed to make proper use of available procedures for remedying the interferences complained of, even where these interferences were 'prima facie' incompatible with the fair balance requirement and even where the conduct of the authorities was not beyond reproach..."* (Sottolinear tal-Qorti).

Jizdied mas-suespost, dak li gie ritenut minn din il-Qorti, kif diversament komposta fis-sentenza taghha tas-27 ta' Frar 2003 fil-kawza fl-ismijiet **John Sammut v. Awtorita` ta' l-Ippjanar et**:

"Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikulari jkun jikser dritt fundamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak 'kostituzzjonali' wara procedura skond is-sub-artikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens."

(Ara wkoll taht dan l-aspett is-sentenzi ta' din il-Qorti, diversament komposta, fil-kawzi **Adel Mokhtar Al Sakhalli v. Onor. Prim Ministru et** 7 ta' April 2000; **Teddy Rapa v. Chairmain ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et**, 31 ta' Mejju 2000; u **Tereza Camilleri v. Registratur taz-Zwigijiet**, 6 ta' April 2009).

14. Is-sokkombenza totali ghall-mizuri mehudin mill-Kummissarju tal-Artijiet min-naha tas-sidien waslet ukoll sa l-istadju li dawn lanqas setghu jiddimostraw b'certezza liema kienu ezattament il-konfini u l-estenzjoni tal-proprjeta` taghhom. Huwa minnu li hawn ukoll l-awtoritajiet naqsu, meta fasslu disinji differenti minn dawk precedenti relattivi ghall-istrutturi ezistenti, li jhallu rendikont preciz tal-konfigurazzjoni ezistenti qabel ma hallew il-bini danneggjat, imma l-fatt jibqa' li oggettivament illum huwa difficli li jigi stabbilit liema partijiet kienu sewwa sew jappartjenu, bi proprjeta`, lir-rikorrenti. Fil-fatt lanqas jista' jinghad jekk il-fond adebit bhala *'bar'* kienx fuq l-art li tappartjeni lis-sidien rikorrenti jew le. Li evidentement gara hu li s-sidien baqghu dejjem bit-tama f'mohhom li sa fl-ahhar jirnexxilhom jikkonvincu lill-awtoritajiet biex dawn jiehdu l-proprjeta` *de quo* b'xiri assolut versu kumpens adegwat u li minkejja li dawn baqghu b'din it-tama dejjiema, nutrita bil-fatt li l-intimati appellati dehru propensi li "jisimghu" dawn il-proposti da parti tas-sidien, l-ezitu finali baqa' wiehed negattiv u bla ezitu sodisfacenti ghall-istess sidien.

L-incertezza min-naha tas-sidien dwar il-konsistenza tal-proprjeta` taghhom tirrizulta wahda notevoli. Fir-relazzjoni peritali pprezentata mill-perit gudizzjarju Albert Fenech (ara fol. 37 – 51 tal-process) sar accenn ghal dak li ddepona mar-relattur ir-rikorrenti nutar Saliba. Fost ohrajn insibu hekk (ara fol. 43 tal-process, fol. 12 tar-relazzjoni),

"12. Dott. Saliba ma setax jiftakar jekk fil-livell ta' fejn kien hemm il-kantina, kienx hemm xi bieb li kien jaghti direttament ghal Bastion Street, li dak iz-zmien kienet ferm idjaq milli hija llum; u ma setax jiftakar jekk il-proprjeta` tieghu tal-kwerelanti l-ohra kienitx testendi minn Point Street sa Bastion Street.

"Lanqas seta' jiftakar id-dispozizzjoni tal-kmamar, jew kemm il-kamra kien hemm f'terran jew appartamenti sovrastanti."

Quddiem incertezza ta' dan il-livell, li tkompli taggrava meta gie kondott sopralwog (ara par. 13 *et seq* tar-Relazzjoni, fol. 43 *et seq*) fil-presenza tal-perit gudizzjarju u tal-partijiet, din il-Qorti ma tehodhiex b'sorpriza l-fatt li sal-lum l-imsemmija rikorrenti baqghu ma pprocedewx quddiem it-Tribunal indipendenti kif hemm ipprovdut taht il-Kap. 88 jew b'xi procedura ohra taht il-ligi ordinarja. Certament lanqas hija l-funzjoni ta' din il-Qorti li toqghod tipprova tindovina f'hiex kienet tikkonsisti bejn wiehed u iehor tali proprjeta`, kif invece ipprova jaghmel il-perit gudizzjarju fir-relazzjoni tieghu.

15. Fi kwalsiasi kaz, din il-Qorti hija tal-fehma, bhal ma kienet il-Qorti tal-ewwel grad, li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja min-naha tal-intimati appellanti u kwindi jsegwi li l-aggravji f'dan ir-rigward huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u qeghdin jigu respinti.

**<u>Dwar allegata Diskriminazzjoni fid-dawl tal-Artikolu 14 mehud flimkien mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropeja</u>**

16. Fit-tieni aggravju, l-appellanti jsostnu li saret diskriminazzjoni maghhom leziva ghall-Art. 14 tal-Konvenzjoni kif dan huwa abbinat mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Bazikament, is-sidien qeghdin jillanjaw mill-fatt li, filwaqt li fil-konfront ta' sidien ohra ta' proprjeta`, l-awtoritajiet kompetenti akkwistaw l-istess proprjeta` b'titolu ta' xiri assolut, ma sarx l-istess maghhom. Bir-rizultat allura, li huma, *qua* sidien, sfaw "imgieghla jzommu dan il-piz eccessiv minghajr ma jircievu ghall-anqas kumpens xieraq."

17. Kif tajjeb wiegbu l-intimati appellati fir-risposta ta' appell taghhom, din il-Qorti tosserva li mhux kull agir "differenzjali" jitqies bhala wiehed "diskriminatorju" u kwindi leziv ghall-Konvenzjoni. Dak l-agir, jew operat, irid jigi mqabbel ma' agir fil-konfront ta' persuna ohra fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrenti, u li din id-differenza fit-trattament ma jkollhiex spjegazzjoni hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jew ghal xi raguni *eiusdem generis*. Din il-Qorti ezaminat il-provi taht dan l-aspett u ma sabet xejn li jiggustifika l-ilment tar-rikorrent. Mhux bizzejjed li wiehed iressaq argumenti legali skwiziti u eruditi li ma jkunux ukoll pero` sorretti mill-provi, kif jidher proprju li hu l-kaz in dizamina. Joseph Sciriha, ufficjal anzjan mad-Dipartiment tal-Artijiet, filwaqt li jghid li kien hemm kazi ta' xiri assolut, specjalment meta si tratta ta' stabbiliment kummercjali, jghid ukoll li m'hemmx *policy ad hoc* li tirregola x'ghandu jsir f'kull kaz. Barra minn hekk, ir-rikorrent nutar Spiteri jeskludi kategorikament li din l-allegata diskriminazzjoni saret "ghal xi ragunijiet politici jew xi ragunijiet specifici ohra" (ara kontro-ezami a fol. 26 tal-process, l-ahhar paragrafu). Huwa jghid sempliciment li kien hemm kazijiet ohrajn fejn il-Gvern mexa' differentement, u jsemmi wkoll kazi – bla ma jispecifika xejn b'mod dirett – fejn postijiet li kienu mizmumin b'titolu ta' *'possession and use'*, in segwitu ttiehdu mill-Gvern b'xiri. Mistoqsi biex ikun specifiku, ix-xhud wiegeb hekk (ara fol. 26 tal-process),

"Jiena nghid pero` li ma nistax nispecifika fejn huma, liema huma jew f'liema kundizzjoni jinstabu. Daka kollu jixhed dwarhom haddiehor."

Izda tali prova ma tinsab imkien *aliunde*, li allura jfisser li dak li qeghdin jallegaw ir-rikorrenti mhu xejn ghajr ilment generiku li ma jissodisfax dawk il-kriterji rikjesti biex juru li hemm tassew lezjoni kif jinghad fl-aggravju tar-rikorrenti. Dwar id-distinzjoni bejn trattament "differenzjali" minn iehor "diskriminatorju" leziv ghall-Art 14, l-awturi Van Dijk et al / (ibidem, Kap. 33, fol. 1035) jispjegaw hekk,

*"As far as the first element is concerned, it should be observed from the outset that Article 14 – despite the French text 'sans distinction aucune' – does not prohibit every difference in treatment. On the contrary, the obligation contained therein may even entail unequal treatment. Indeed, Article 14 is not only concerned with formal equality – equal treatment of equal cases – but also with substantive equality: unequal treatment of unequal cases in proportion to their inequality …"*

Il-grad ta' prova li waslu ghaliha l-appellanti kien jasal biss sa l-istat illi turi li kien hemm kazi fejn proprjetajiet ta' terzi gew mehudin b'xiri assolut mill-Gvern imma din m'hijiex sufficjenti biex turi li b'daqstant sehhet vjolazzjoni tal-Konvenzjoni a bazi ta' dak li hemm provdut fl-Artikolu 14.

Ghal dawn ir-ragunijiet, dan it-tieni aggravju huwa wkoll infondat u qieghed ghalhekk jigi michud.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad dana l-appell tar-rikorrenti appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------